DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 58/2008

tal-25 ta' April 2008

li temenda l-Anness XXII (il-liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 171/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 [1].

(2) Id-Direttiva 2007/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/855/KEE u 82/891/KEE fir-rigward tar-rekwiżit ta' rapport ta' espert indipendenti fl-okkażjoni ta' amalgamazzjoni jew diviżjoni ta' kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata [2] għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XXII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 3 (it-Tielet Direttiva tal-Kunsill 78/855/KEE):

"— **32007 L 0063**: Id-Direttiva 2007/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 (ĠU L 300, 17.11.2007, p. 47)."

(2) L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 5 (is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE):

", kif emendat b'li ġej:

— **32007 L 0063**: Id-Direttiva 2007/63/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 (ĠU L 300, 17.11.2007, p. 47)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2007/63/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

[1] ĠU L 124, 8.5.2008, p. 39.
[2] ĠU L 300, 17.11.2007, p. 47.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-26 ta' April 2008, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' April 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

(*) L-ebda obbligu kostituzzjonali ma huwa indikat.